# ID-DAWL

SETTEMBRU 2024 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 81

**“Għinu lil xulxin bit-tieba, is-safa u l-pjetà, iżda tgħinux lil xulxin fid-dnub u t-trasgressjoni.”**



Il-Laqgħa Interreliġjuża | L-Armonija Interreliġjuża | Il-Gratitudni | Minn fejn ġej id-Dnub?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Il-laqgħa interreliġjuża

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*



Il-knisja ta' Santa Marija tal-Anġli, f'Baħar iċ-Ċagħaq, Malta, organizzat laqgħa interreliġjuża nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024. Dan l-avveniment interreliġjuż kien intenzjonat li jkattar ir-rispett reċiproku, il-fehim u l-armonija fost għadd ta' tradizzjonijiet reliġjużi varji li jinsabu fil-pajjiż. F'din il-laqgħa interreliġjuża, il-mexxejja minn twemminiet u komunitajiet diversi pprezentaw id-diskorsi u l-indirizzi tagħhom. Din l-attività, li kellha attendenza tajba ħafna, intemmet b'festin żgħir fejn il-prezentaturi u l-udjenza kellhom l-opportunità li jkomplu d-diskussjonijiet b'mod aktar informali.

## ID-DAWL

SETTEMBRU 2024 – Numru 81– Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Interreligious conference | 02 |
| Interreligious harmony | 03 |
| Lord of all the people | 04 |
| Gratitude | 07 |
| Where does sin come from? | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Shangarey | iStock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira




F'din il-konferenza interreliġjuża, Imam Laiq Ahmed Atif, President tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, li kien qed jirrappreżenta lill-Islam-Ahmadiyya, iffoka d-diskors tiegħu fuq it-tema 'Id-diversità fil-ħolqien u l-armonija interreliġjuża'. Hawn taħt qed nippreżentaw traduzzjoni bil-Malti tad-diskors tiegħu dwar l-armonija interreliġjuża.

# Id-diversità fil-ħolqien u l-armonija interreliġjuża

**F'Isem Alla, l-Aktar Nobbli, Dejjem Ħanin**

Mexxejja, mistiedna u ħuti għeżież, *Assalamu-aleikum* – jalla l-paċi, il-barkiet u l-ħniena ta' Alla jkunu fuqna lkoll.

L-ewwel nett nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-organizzaturi talli tellgħu dan l-avveniment importanti biex niċċelebraw l-għaqda fid-diversità. Din hija tassew inizjattiva eċċezzjonali u nħarsu 'l quddiem għal aktar attivitajiet simili u aktar opportunitajiet ta' kollaborazzjoni flimkien fil-ġejjieni.

Jiena ninsab kuntent ferm li se naqsam magħkom xi ħsibijiet fuq it-tema: 'Id-diversità fil-ħolqien u l-armonija interreliġjuża'.

Fil-Koran Imqaddes, Alla Omnipotenti jippreżenta l-ħolqien kollu bħala għelm kbir u jsejjaħ lill-umanità biex tikkontempla dwar il-kreazzjoni Tiegħu, u jgħid li,

> **"Fost is-Sinjali Tiegħu hemm il-ħolqien tas-smewwiet u l-art, u l-varjetà fl-ilsna tagħkom u fi lwienkom. F'dan żgur hemm is-Sinjali għal dawk li għandhom l-għerf."** (30:23)

> **"Ja bnedmin, aħna ħloqniekom minn raġel u mara; u għamilniekom ġnus u tribujiet biex issiru tafu lil xulxin. Tabilħaqq, l-aktar nobbli minnkom quddiem Alla huwa l-aktar wieħed ġust u devot minnkom."** (49:14)

F'dawn il-versi Alla Omnipotenti jenfasizza l-fatt li Alla biss huwa l-Kreatur. It-tieni, il-bnedmin kollha huma ugwali minkejja d-diversifikazzjoni tagħhom fil-lewn tal-ġilda, il-ħsibijiet u t-twemmin reliġjuż tagħhom. It-tielet, irridu nitgħallmu lezzjonijiet mill-ħolqien varjat u armonjuż ta' Alla, għaliex il-pjaneti, l-istilel u l-galassji ta' dan l-univers meraviljuż jeżistu flimkien f'armonija sħiħa mar-rwoli distinti tagħhom; bl-istess mod, l-umanità teħtieġ li tabita flimkien fil-paċi, fit-tolleranza, fl-armonija u fl-ispirtu ta' fraternità universali, minkejja t-twemmin u l-għarfien kulturali u reliġjuż uniku ta' kulħadd.

## Alla huwa tal-popli kollha

Il-Koran Imqaddes jibda b'dan il-kliem: "F'Isem Alla, in-Nobbli, il-Ħanin. Kull foħrija tmur għal Alla, Sid tad-dinjiet kollha u tal-popli kollha." Dan il-kliem juri biċ-ċar li 'Alla huwa tal-popli kollha'; dan il-kliem waħdu jista' joħloq l-istandard ta' rispett, paċi, fraternità universali u armonija reliġjuża.

Aktar minn 14/15-il mitt sena ilu, fl-Indirizz Aħħari tiegħu, il-Fundatur Qaddis tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, enfasizza dwar dan il-prinċipju universali tal-ekwità u l-ugwaljanza fost l-umanità, billi ddikjara li:

"Ja Poplu, il-Mulej tagħkom huwa Wieħed; intom il-wild ta' Adam[as] u Eva[as], intom aħwa subien u bniet. Kollha kemm intom ugwali... Għarbi m'għandux supremazija fuq min mhux Għarbi, u min mhux Għarbi m'għandux supremazija fuq min hu Għarbi; fl-istess ħin wieħed abjad



m'għandux setgħa fuq wieħed iswed u lanqas wieħed iswed m'għandu setgħa fuq wieħed abjad — ħlief bil-mogħdrija, onestà u għemejjel tajbin."

Barra minn hekk, għall-ħolqien ta' dinja armonjuża, il-Koran Imqaddes jiddikjara l-Universalità tal-Profeti; jippromwovi r-rispett lejn ir-reliġjonijiet kollha u l-Fundaturi Qaddisa tagħhom u jagħmilha obbligatorju għas-segwaċi tiegħu li jemmnu fil-Profeti kollha ta' Alla.

Ir-rispett lejn is-sentimenti reliġjużi hija lezzjoni oħra siewja li għallimna l-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, bħala mezz għat-tkattir tar-rikonċiljazzjoni interreliġjuża. Darba, matul ħajtu, wieħed Musulman u ieħor Lhudi kellhom xi jgħidu. It-tnejn saħqu u affermaw is-superjorità relattiva tal-profeti rispettivi tagħhom. Meta l-Lhudi lmenta mal-Qaddis Profeta Muħammad, huwa wissa biex biex nagħtu kas tas-sentimenti tal-oħrajn u qal, "**Tgħollunix aktar 'il fuq minn Mosè**."

Darba, waqt funeral, il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, qam biex juri dinjità u rispett u dawk li kienu miegħu għamlu bħalu. Xi ħadd irrimarka li kien funeral ta' wieħed Lhudi. Huwa rrisponda: "**Mela inti taħseb li l-Lhud mhumiex ukoll bnedmin [u jistħoqqilhom rispett u dinjità].**"

Darba, delegazzjoni mit-tribù Nisranija ta' Najran żaritu f'Medina biex jaqsmu ħsibijiethom dwar affarijiet reliġjużi. Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, ħalliehom jagħmlu adorazzjoni skont ir-riti tagħhom fil-moskea tiegħu. Meta Ħażrat Umar, it-Tieni Kalif tal-Iżlam, żar Ġerusalemm huwa rrifjuta li jitlob fil-knisja, għaliex seta' joħloq preċedent li jwassal biex il-bini jinbidel f'moskea. Huwa ried li l-Insara jkollhom il-libertà tat-twemmin u li l-postijiet ta' qima tagħhom ikunu mħarsa.

Aktar minn hekk, l-Iżlam jippromwovi ħafna l-koperazzjoni interreliġjuża, id-drittijiet tal-ġirien, il-foqra, il-morda u dawk li jinsabu fil-bżonn; u jħares il-qdusija ta' bini reliġjuż u l-libertà reliġjuża, jipproteġi l-ħajja umana u jħeġġeġ il-mogħdrija lejn il-bnedmin kollha, bħala prinċipju ieħor importanti għat-tkattir tal-għaqda u l-paċi interreliġjuża. L-Iżlam isejjaħ lill-Musulmani kollha li: **"Għinu lil xulxin bit-tieba, is-safa u l-pjetà, iżda tgħinux lil xulxin fl-affarijiet ħżiena, id-dnub u t-trasgressjoni."** (Il-Koran, 5:3) Għall-bini ta' soċjetajiet magħquda, paċifiċi u armonjużi, il-Profeta Muħammad ta ftit suġġerimenti sempliċi imma meraviljużi għaż-żminijiet kollha; nippreżenta wħud minnhom. Huwa qal:

- Xtiq lil ħuk dak li tixtieq għalik innifsek.
- Tkellem bil-ħlewwa u b'ġentilezza man-nies.
- Kelma ta' ġid hija wkoll att ta' karità.
- L-aqwa fostkom huma dawk li għandhom l-aqwa manjieri u karattru.
- Qatt ma tista' tarrikkixxi n-nies bil-flus biss; għalhekk għinhom bil-ferħ u b'manjieri soċjali tajbin.
- Trid testendi t-tislim ta' paċi għall-kollegi u għall-barranin.

Il-motto tal-Komunità Ahmadiyya: **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda lejn Ħadd'** — li huwa l-qofol tat-tagħlim kollu Iżlamiku — huwa katalista u dawl ta' tama għat-twaqqif tal-armonija u l-paċi interreliġjuża dejjiema u effettiva.

Din hija x-xewqa u t-talba tiegħi li l-bnedmin kollha jitgħallmu jiċċelebraw l-għaqda fid-diversità, u jalla li lkoll ngħixu f'armonija assoluta fis-soċjetajiet tagħna u madwar id-dinja. Jalla l-paċi tixtered mad-dinja u li d-dinja ssir lok ta' sliem u prosperità, u jalla li aħna ngawdu l-frott tad-djalogu, tal-paċi, tar-rispett u tal-armonija interreliġjuża.

Nirringrazzjakom ħafna. Alla jberikkom ilkoll. Ammen.

# Il-Gratitudni

## Il-Koran Imqaddes

Jekk tkunu grati, jekk tiżżu ħajr (ta' kulma għamilt magħkom, u tajtkom), tabilħaqq inżidkom fil-barkiet, u żgur li nagħtikom aktar favuri. (14:8)

Ikun xi jkun il-ġid li jagħmlu, ma jiġux miċħuda l-premju dovut. Alla jaf sew lil dawk li huma konxji tad-dmir tagħhom lejh. (3:116)

Sabiex Alla jagħtihom il-premjijiet sħaħ tagħhom, u saħansitra jżidhom mill-għotja u t-tjieba Tiegħu. Huwa tabilħaqq li l-Aktar Jaħfer, u l-Aktar Japprezza. (35:31)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Ħażrat Mughira[ra] jirrakkonta, "Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien jitlob għal żmien twil tant li saqajh u riġlejh ikunu għajjien. Ladarba ġie mistoqsi għaliex joffri tant talb b'tant uġigħ u tbatija, hu wieġeb, 'M'għandix inkun qaddej grat ta' Alla l-Ħanin?'" (*Sahih al-Bukhari*)

"Ħares lejn dawk li huma iktar baxxi minnek (jiġifieri dawk li għandhom inqas riżorsi minn dawk li għandek), imma tħarisx lejn dawk li huma 'l fuq minnek (jiġifieri dawk li għandhom iktar ġid minnek), ħalli ma tnaqqasx il-favuri u l-barkiet li Alla tana." (*Sahih Muslim*)

Il-gratitudni hija virtù mill-isbaħ. Li tkun grat u li tesprimi l-gratitudni u l-ħajr lill-oħrajn hija waħda mill-isbaħ valuri morali li jeżistu. Il-bniedem jista' jesprimi l-gratitudni lil Alla u anke lill-bnedmin sħabu. Kemm jekk persuna tirringrazzja lil Alla li Jista' Kollox jew lill-qaddejja Tiegħu, il-bnedmin, fiż-żewġ każijiet hija manifestazzjoni ta' karattru għoli u l-aħjar valur uman.

Filwaqt li rrikonoxxa li ħadd qatt ma seta' jħallas lura l-barkiet infiniti mogħtija lill-umanità, il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, bħal qaddej veru ta' Alla, dejjem kien jesprimi gratitudni immensa lejn Alla li Jista' Kollox. Barra minn hekk, sens ta' gratitudni lejn Alla li Jista' Kollox iqum ukoll f'persuna meta josserva l-istat tal-inqas ixxurtjati tas-soċjetà u dejjem ikun lest li jgħinhom.

Q&A

# Minn fejn ġej id-dnub?

It-Tieni Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana spjega dan b'mod tajjeb ħafna, u ppreżenta seba' kawżi tad-dnub; u nixtieq li niġbor fil-qosor dawn is-seba' kawżi hawn taħt.

**Il-kawża ewlenija** tad-dnub hija l-injoranza. **It-tieni** sors kbir tad-dnub huma l-kuntatti soċjali u l-kumpaniji. Il-bniedem huwa imitatur imwieled. Għandu t-tendenza li jagħmel bħalma jagħmel ħaddieħor, mingħajr ma jiżen u jqis il-konsegwenzi ta' dak li jkun qed jagħmel. Dawn l-influwenzi soċjali jinkludu l-influwenza tal-ġenituri u l-qraba, sħab tal-logħob, għalliema, tradizzjonijiet, drawwiet u kultura soċjali, eċċ.

**It-tielet** sors ta' dnub huwa li l-bniedem xi drabi jkollu għarfien ħażin ta' xi ħaġa. **Ir-raba'** sors ta' dnub huma drawwiet ħżiena. Li tkun taf tajjeb ħafna x'inhi l-verità u li l-mertu jorbot li tgħid il-verità, meta jasal il-mument kruċjali persuna għandha t-tendenza li ma tgħidx il-verità. Pereżempju, wieħed li għandu l-vizzju tax-xorb u jiddeċiedi li ma jixrobx aktar; u jaf kollox dwar il-periklu tax-xorb. Imma meta jpoġġi bilqiegħda ma' dawk li jixorbu, huwa ma jistax jirreżisti t-tentazzjoni. Mal-iċken sejħa tinkiser id-deċiżjoni tiegħu li ma jixrobx.

**Il-ħames,** il-bniedem xi drabi jaqa' fid-dnub minħabba l-għażż, in-nuqqas ta' dixxiplina, u li ma jagħtix kas jew importanza biżżejjed u jieħu l-affarijiet faċli u b'mod rilassat. Iż-żmien jgħaddi u f'daqqa waħda jsib ruħu fil-ħażen jew fid-diffikultà. Pereżempju, jekk l-istudent jieħu l-edukazzjoni b'mod leġġer u jaħseb li meta jasal il-waqt tal-eżami jkun jista' jistudja biżżejjed, imma, din l-attitudni tista' takkawżalu t-telf fl-eżamijiet.

**Is-sitt** kawża tad-dnub hija n-nuqqas ta' ġudizzju komparattiv. Minn żewġ korsijiet ta' azzjoni alternattivi, persuna ma tistax tiddeċiedi liema hija l-aħjar mit-tnejn.

**Is-seba'** kawża tad-dnub hija l-ħafna influwenzi inviżibbli li jħabbtu wiċċhom ma' xulxin f'ħajjitna.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**